MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2008

Avviz Numru. 332/2007

**Carmela sive Lina Muscat (ID Nru 124644M)**

**Vs**

**Citadel Insurance plc**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih l-attrici talbet sabiex is-socjeta' konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess attrici s-somma ta' tliet elef u hames mitt lira Maltin (Lm3500) rapprezentanti il-valur tal-vettura Toyota Starlet koperta bil-polza ta' l-assikurazzjoni tat-tip fully comprehensive numru PCC/54/4/108434 liema karozza insterqet lura ghas-sena 2005 piu is-somma ta' hamsa u tletin lira Maltin (Lm35) rapprezentanti kirja ta' karozza ghal sebat ijiem konsekuttivi.

Bl-ispejjez, inkluz ta' l-ittra ufficjali u bl-imghax kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-istess socjeta' konvenuta (fol 8 tal-atti) u li biha esponiet bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex kompetenza *ratione materiae* tisma' u tiddeciedi l-kawza odjerna stante li b'sehh mill-1 ta' Awissu, 2005 permezz tar-Regoli ta' l-2005 dwar l-Arbitragg (*Legal Notice 279 tal-2005*), talbiet li jikkoncernaw Vetturi bil-Mutur li l-valur taghhom huwa ta' mhux iktar minn hamest elef lira Maltin (Lm5,000) ghandhom tassattivament ikunu trattati u decizi permezz ta' arbitragg. Ghalhekk is-socjeta' intimata ghandha tkun liberata mill-osservanza tal-gudizzju a spejjez ir-rikorrenti.
2. Illi preliminarjament ukoll, u bla pregudizzju ghas-suespost, dina l-Onorabbli lanqas ghandha kompetenza *ratione materiae* tisma' u tiddeciedi l-kawza odjerna inkwantu skond il-kuntratt ta' assikurazzjoni bejn il-kontendenti, senjatament l-artikolu 5 mill-*Claims Conditions*, kull kwistjoni li tinqala' bejn il-partijiet fl-istess kuntratt ghandha tkun riferuta esklussivament ghal arbitragg.
3. Illi preliminarjament ukoll, u bla pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet rikorrenti huma intempestivi stante li kien hemm inkjesta magisterjali dwar is-serqa in mertu, li l-*process verbal* taghha ghadu ma giex fil-pussess tas-socjeta' intimata, fatt li skond il-paragrafu e) tal-artikolu 2 mill-*Claims Conditions,* jissospendi l-obbligu tas-socjeta' intimata li taghmel *settlement* ta' *Claim* li talvolta tista' tkun dovuta.
4. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu t-talbiet rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti stante li r-rikorrenti kissret il-kondizzjonijiet tal-kuntratt ta' assikurazzjoni in kwistjoni, u dana kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u ghalhekk is-socjeta' intimata m'ghandha tkun ikkundannata taghmel tajjeb ghal ebda danni.

5. Illi bla pregudizzju ghas-suespsot, f'kull kaz, ir-rikorrenti trid taghmel il-prova tad-danni rejalment subiti minnha.
6. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta (fol 24 ibid) u dak verbalizzat waqt is-seduta tad-9 ta' Gunju 2008 (fol 27 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi din is-sentenza <u>preliminari</u> tirrieferi ghall-ewwel (1) u t-tieni (2) eccezzjoni kif sottomessi mis-socjeta' konvenuta.

<u>Ikkunsidart</u>

Illi in rigward l-ewwel (1) eccezzjoni is-socjeta' konvenuta qed taghmel referenza specifika ghall-paragrafu © tal-artikolu 1.2, Taqsima A, Raba' skeda annessa mal-Att dwar l-Arbitragg (Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta) skond kif emendat permezz tal-Avviz Legali numru 279 tal-2005. Filfatt l-imsemmi artikolu 1.2 © jinsab anness mal-atti in esami a fol 26 u fih jinghad taht l-intestatura " <u>Arbitragg Mandatarju</u>" illi tilwimiet, bhal dik in esami fl-istess kawza, li titratta talbiet ghal hlas ta' kumpens taht polza ta' assikurazzjoni "fully comprehensive" in konnessjoni ma serq ta' vettura, ghandhom jittiehdu f'arbitragg, taht ir-regoli hemm indikati. L-istess socjeta' konvenuta ghalhekk tikkontendi w issostni illi dan il-kaz kellu jigi determinat, <u>b'mod tassattiv u mandatarju</u> permezz ta'arbitragg taht il-ligi citata.

Illi hu minnu illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fid-19 ta' Ottubru 2007 fl-ismijiet "Anthony Grech vs Claire Calleja et " (ara fol 19 et seq ibid), wara li intalbet u kienet saret referenza Kostituzzjonali "in materia" mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar, din il-Qorti kienet iddeciediet illi tista' ssir u tigi milqugha talba ghal referenza Kostituzzjonali minn dan it-Tribunal iddecidiet, in rigward il-meritu illi "… l-avviz 279 tal-2005 fejn jolqot kazijiet li jaqghu taht il-gurisdizzjoni tat-

Tribunal … issir kontra l-provvediment tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319) u kriminali ma humiex vinkolanti u ma jorbotx lill-imsemmi Tribunal.

Illi, pero, minn din is-sentenza kien gie interpost appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali li permezz ta' sentenza fl-istess ismijiet, moghtija fid-29 ta' Frar 2008, Qalet fid-"decide" u ghar-ragjunijiet premess fl-istess sentenza, illi "… t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ma jistax jirreferi "kwistjoni kostituzzjonali lill-Prim'Awla …" u konsegwentement Iddicediet illi "... thassar u tirrevoka is-sentenza appellata cjoe dik tad-19 ta' Ottubru 2007 fl-ismijiet premessi "u b'hekk ma ddecidietx il-meritu tal-imsemmi referenza kostituzzjonali".

Illi , konsegwentement u fl-istadju li jinstabu l-proceduri odjerni, din il-Qorti trid, bilfors, tikkonsidera s-sentenza finali tal-Qorti Kostituzzjonali, kif hawn fuq citata, u ghalhekk ma tistax tikkunsidra l-Avviz Legali numru 279 tal-2005 bhala anti-kostituzjonali, kif ritenut fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) li ghaliha saret, ukoll, referenza "supra".

Illi din il-Qorti trid ghalhekk, bilfors tirritjeni illi dan il-kaz ghandu b'mod tassattiv u mandatarju, jigi determinat minn arbitragg skond il-ligi hawn fuq citata.

Ikkunsidrat

Illi jigi rilevat ulterjorment u dan in konnessjoni mat-tieni eccezzjoni illi John Buttigieg, prodott mis-socjeta' konvenuta (fol 13 et seq ibid) irrefera ghal polza assikurattiva bejn il-partijiet f'din il-kawza, liema dokument jinsab a fol 17 ibid. Difatti jinghad fil-klawsola 5 pagna 20 tal-istess polza illi f'kaz ta' tilwima dwar l-istess polza, din tird tigi deciza permezz ta' arbitragg kif regolata mill-ligi Maltija "in materia" u hemm citata u minn arbitru miftiehem bejn l-istess partijiet.

Ikkunsidrat

Illi, fid-dawl ta’ dak premess, l-ewwel (1) u t-tieni (2) eccezzjonijiet jridu, bilfors jigu akkolti minhabba s-sitwazzjoni legali kif ezistenti illum u b’hekk qedin jigu milqugha l-istess eccezzjonijiet preliminari in esami.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa’ l-ewwel (1) u t-tieni (2) eccezzjoni u tillibera lis-socjeta’ konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju. In rigward l-ispejjes tenut kont tac-cirkostanzi ta’ dan il-kaz, specjalment dak premess u konness ma mal-ewwel (1) eccezzjoni, l-Qorti thoss li l-attrici ma ghandhiex tbati xi spejjes in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri. Ghaldaqstant, il-Qorti tordna li l-ispejjes kollha ta’ dawn il-proceduri, jithallsu mis-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------